**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 21 ta' Gunju, 2002

**Numru 28**

**Avviz. numru 838/01JR**

**Elmo Insurance Agency Ltd ghan-nom tal-kumpanija estera Royal & Sun Alliance Insurance Ltd bhala surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Joseph Gauci u l-istess Joseph Gauci**

**vs**

**Pauline Cutajar u okkorrendo zewgha Saviour Cutajar**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat tat-30 ta' Awissu, 2001, fejn intqal illi:**

**1. Fis-6 ta' Gunju 2000 Orazio Vassallo kien qed isuq il-vettura BAR 737, propjeta'  tal-attur u assikurata mal-kumpanija attrici, minn Triq Dr Nicola Zammit Street, Siggiewi. Quddiemu kien hemm miexja l-vettura IAR 046 misjuqa minn Pauline Cutajar. Waqt li Vassallo kien qed jaqbizha, f'daqqa wahda l-istess Cutajar dawret il-karozza taghha lejn il-lemin taghha biex tidhol fi triq sekondarja u b'dan il-mod grat il-habta.**

**2. Bhala konsegwenza tal-habta l-atturi sofrew danni ammontanti  ghal hames mija seba' u tletin lira Maltin  hamsa u erbghin centezmi li minnhom tlitt mija  erba u sittin lira Maltin hamsa u erbghin centezmi (Lm364.45) gew sopportati mill-kumpanija attrici taht il-polza  u mija tlieta u sebghin lira Maltin (Lm173) batihom l-attur minn butu.**

**3. Ghalkemm il-konvenuta giet interpellata biex thallas b'ittra ufficjali tal-21 ta' Awissu 2000, l-atturi ma thallsux.**

**4. Ghalhekk l-atturi qeghdin  jitolbu li jghidu l-konvenuti ghaliex dan it-Tribunal m'ghandhux jikkundanna lill-konvenuta li thallas l-imsemmija danni ammontanti ghal Lm537.45 kwantu ghal LM364.45 lill-kumpanija attrici u kwantu  ghal Lm173 lill-attur, prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenuta kienet responsabbli ghall-imsemmija kollizzjoni u ghad-danni konsegwenzjali.**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Awissu 2000 u dik kontestwali lill-assikurazzjoni tal-konvenuti u bl-imghax mill-21 ta' Awissu 2000 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fit-28 ta' Settembru, 2001, fejn intqal:**

1. **Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess atturi billi l-incident meritu tal-kawza ma garax minhabba t-tort u t-traskuragni tal-eccipjenti izda minhabba mperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-attur.**

2. **Illi minghajr pregudizzju ghas-sudett, id-danni reklamati mill-attur bhala rizultat tal-kollizzjoni huma esagerati.**

3. **Salv eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' Joseph Mary Gauci, Orazio Vassallo, Shirelle Gauci, Joseph Mula, ExPS 509 John Lentini, Pauline Cutajar, Veron Cutajar.**

**Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti, tan-noti ta' osservazzjonijiet prezentati mill-partijiet, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Dan il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li sehhet fis-6 ta' Gunju, 2000, ghall-habta tat-3.30pm, fi Triq Dr. Nicola Zammit, Siggiewi, bejn il-vettura**

**numru ta' registrazzjoni BAR-737 proprjeta` ta' Joseph Mary Gauci assigurat mas-socjeta` attrici, u liema vettura kienet misjuqa minn Orazio Vassallo, u l-vettura numru ta' registrazzjoni IAR-046 proprjeta` ta' Saviour Cutajar u misjuqa minn Pauline Cutajar.**

2. **Jirrizulta li l-attur kien qed isuq fi Triq Dr. Nicola Zammit u effettwa sorpass tal-vettura tal-konvenuta. Skond il-konvenuta hi riedet iddur ghall go Triq Kircippu u tghid li ghamlet is-senjalazzjoni mehtiega f'dan is-sens.**

3. **Skond Orazio Vassallo, il-vettura tal-konvenuta kienet wiefqa u qalat ghall-fuqu. Jirrizulta li l-konvenuta kienet fuq ix-xellug. Vassallo kien miexi b'xi 30/35kfs. Fejn gara l-incident it-triq hija dritta u l-vizwali ma hix ostakolata. L-attur intlaqat fuq ix-xellug ftit mill-bieba il-quddiem u l-bieba ta' wara. L-attur kien qed jara lill-konvenuta u skond ma xehed hu kien ra mill-boghod.**

4. **Shirelle Gauci, passiggiera fil-vettura ta' Vassallo tikkoferma li l-konvenuta kienet wiefqa, u li kif kienu qed jaqbzuha daret ghal fuqhom.**

5. **Il-konvenuta li kienet miexja dritta u kienet ser tikser fuq il-lemin, meta l-attur gie sparat, inhasdet, u laqatha fuq quddiem. Tghid li l-attur kellu brake qawwi. Hi qablet ma' l-isketch.**

**6. Veron Cutajar, bint il-konvenuta u passiggiera maghha, qalet li l-attur qal li ma kienx raha minhabba d-dawl tax-xemx.**

**7. Issa ma hemmx dubbju li kif sew rilevat mid-difensur ta' l-attur fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu, jekk il-konvenuta kellha l-intenzjoni li ddur ghall go Triq Kirceppu, din kellha l-obbligu li tara li setghet taghmel din il-manovra minghajr ma tkun ta' ostakolu ghat-traffiku ta' warajha. Inoltre hi kienet ukoll fl-obbligu li taghmel s-senjalazzjoni opportun, u li tali senjalazzjoni issir bizzejjed hin qabel sabiex minn gej minn wara jilhaq jinduna bl-intenzjoni taghha. Issa anke jekk il-konvenuta xeghelet l-indicator. It-Tribunal jinnota li ma hemmx provi konklussivi dwar meta saret is-senjalazzjoni, ghalkemm hu soddisfatt li l-konvenuta fil-fatt kienet f'xi moment xeghelet l-indicator. Pero` l-konvenuta kellha d-dmir li tara li qabel ma tikser tara t-traffiku li kien gej minn warajha, u thalli danit-traffiku jghaddi qabel ma tikser, haga li jidher li hi definittivament mghamlitx.**

**8. Id-danni riportati mill-attur jindikaw li l-konvenuta bdiet il-manuvra taghha biex tikser proprju fil waqt li l-attur kien qed jeffettwa s-sorpass, tant li ma laqtitux fuq quddiem izda fuq il-bibien.**

**9. Tenut kont ta' dak kollu li ntqal it-Tribunal hu soddisfatt li ghall-incident kienet tahti unikament il-konvenuta.**

**10. Bhala danni jirrizulta li t-total kien ta' hames mija seba u tletin lira Maltin  hamsa u erbghin centezmi (Lm537.45) li minnhom tlett mija**

**erba' u sittin lira Maltin hamsa u erbghin centezmi (Lm364.45) gew sopportati mill-kumpanija attrici taht il-polza u mija tlieta u sebghin lira Maltin (Lm173) batihom l-attur minn butu. Id-danni jirrizultaw mid-Dok.A sa Dok.D esebiti, u mis-survey.**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident de quo kienet tahti unikament il-konvenuta, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija erba u sittin lira Maltin hamsa u erbghin centezmi (Lm364.45) u lill-attur is-somma ta' mija tlieta u sebghin lira Maltin (Lm173), bl-imghax legali li jibda jiddekorri mill-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Awissu 2000 u dik kontestwali lill-assikurazzjoni tal-konvenuti, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**